MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru. 819/2002

PULIZIJA
SUPT ALEXANDRA MAMO
VS
SIMON GRIMA
MARK GRIMA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Simon Grima ta’ 36 sena, iben Joseph u Angela nee Barbara, imweled Floriana fit-18 ta’ Jannar 1966 u residenti Nem, Triq il-Bicc, Madliena, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 166566M u Mark Grima ta’ 40 sena, iben Joseph u Angela nee Barbara, imwieled Floriana fil-21 ta’ Gunju 1961 u residenti Aeisha, Triq Caravaggio, Gharghur detentur tal-karta tal-identita bin-numru 464861M talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe fil-perjodu ta’ bejn it-30 ta’ Novembru 1996 u l-31 ta’ Marzu 1997, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:-

Approprijaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom, fil-kapacita taghhom bhala diretturi tas-socjeta Big Pea Ltd, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe approprija ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Big Pea Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm2000, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta' l-artikolu 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Mark Grima talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta liema provediment gie impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-2 ta' Dicembru 1997, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja

Rat in-nomina tal-espert Martin Bajada u r-relazzjoni minnu mahlufa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza il-prosekuzzjoni inizzjalment sostnew ili ghal perjodu mill-1 ta' Settembru 1996 sal-31 ta' Marzu 1997, l-imputati bhala diretturi tal-kumpanija Big Pea Limited naqsu illi jhallsu l-VAT dovuti lill-Gvern.

Illi l-ufficjal prosekutur kompliet tispjega (ara fol 119 et seq), illi hija kienet infurmat lil VAT Department illi l-imputati kienu gja gew imressqa l-Qorti fuq l-istess akkuza li giet deciza fit-2 ta' Dicembru 1997 (ara fol 18 u ara dok MC1 a fol 37 sa 101)

Illi dik l-akkuza u l-eventwali sentenza kienet tkopri il-perjodu ta' sentejn mid-data fuq ic-citazzjoni relevanti (ara fol 38) liema data giet individwalizzata mill-espert Martin Bajada bhala dik ta' 28 ta' Novembru 1996 u l-akkuza kienet tkopri ammont ta' Lm25000 dovuti lid-Dipartiment.

In segwitu tar-relazzjoni tal-espert Bajada saret korrezzjoni tac-citazzjoni f'dawn il-proceduri sabiex l-akkuza tigi limitata ghall-perjodu ta' 30 ta' Novembru 1996 u 31 ta' Marzu 1997.

Illi wara illi saru verifiki necessarji l-ufficjal prosekutur giet infurmata mid-Dipartiment illi l-imputati bhala Diretturi tal-kumpanija indikata fic-citazzjoni kellhom jaghti Lm2527.52 bhala VAT lid-Dipartiment.

Illi Supt Mamo xhedet (ara fol 121) illi hija kienet baghtet ghall-imputati Mark Grima u Simon Grima li rrilaxxaw l-istqarrija dok AM u AM1 (fol 124) fejn sostnew illi l-ammont pretiz mid-Dipartiment kien gie imhallas u li permezz ta' dokument – cioe ittra mibghuta minn certu G Catania ta' VAT Department datata 15 t'Ottubru 1997 lil Big Pea Ltd, l-istess dipartiment kien ddikjara li ma kellux aktar interess fil-kawza kriminali (ara dok SG1 u 2 a fol 195 – 197) in vista tal-pagamenti li kienu saru.

Illi in segwitu ta' dana kollu l-ufficjal prosekutur regghet ghamlet verifiki mad-dipartiment tal-VAT li baqa jsostni illi id-diretturi ta' Big Pea Limited kienu zbaljati u l-ammont ta' VAT ghall-perjodu revist cioe mit-30 ta' Novembru 1996 sa 31 ta' Marzu 1997 kien ghadu dovut.

Gie esebit l-Memorandum and Articles of Association ta' Big Pea Limited (dok AM2)

Fix-xhieda tieghu Paul Scicluna (ara fol 169) sostna illi l-kumpanija Big Pea Limited tramite id-diretturi tagha Mark u Simon Grima kienu ghamlu tlett denunzji li jkopru perjodi:-
Mill-1 ta' Settembru 1996 sat-30 ta' Novembru 1996
Mill-1 ta' Dicembru 1996 sat-28 ta' Frar 1997 u
Mill-1 ta' Marzu 1996 sal-31 ta' Marzu 1997
Liema denunzji gew esebiti u mmarkati bhala dok PS1 sa 3.

Illi l-ammont globali ta' VAT dovut mill-kumpanija skond l-istess denunzji, ghalhekk kien ta' Lm2527.52.

Illi ix-xhud Scicluna gie mistoqsi jekk jafx li sar pagament ta' Lm12000 lura lid-dipartiment u qal li mir-records tieghu li jkopru sas-sena 2001 ma kellux records li sar dan il-pagament u jekk sar ma jkoprix il-perjodu relevanti ghal kaz.

Illi mitlub jghid kif id-dipartiment qed jsostni illi dawn l-ammonti gew misapproprijati mill-imputati, Paul Scicluna ghad-dipartiment, sempliciment ikkonferma illi "dawn il-flus mghaddewx lid-dipartiment" (ara fol 174) u li daqshekk biss jaf. Mitlub jghid x'sar minnhom dawn il-flus, Scicluna a fol 173 qal "le ma nafx u l-anqas hu meritu tieghi li inkun naf."

Fit-tieni xhieda tieghu a fol 183 et seq ikkonferma li kien sar pagament ta' Lm12 000 izda dan kien jkopri dati ferm precedenti ghal dawk li kienu qed jigu diskussi fil-kawza odjerna.

Mistoqsi jekk kemm il-darba gie allokat pagament ghal "additional interest" jew ghal penali, Scicluna xehed illi "additional tax" kienu jammonta ghal Lm2943 waqt li interessi jammontaw ghal fuq min Lm17 000 u dawk ma kienux inkluzi mal-pagamenti li saru mill-imputati. Esebixxa Dok PS (a fol 186) li juri fil-parti ta' fuq it-taxxa denunzjata li tammonta ghal Lm35 220, u fil-parti ta' isfel tal-istess dokumenti juri l-pagamenti li saru mill-imputat u cioe Lm23, 959.

Dr Giglio xehed u esebixxa Dok SG1, ittra datata 25 t'Awissu 1997 mill-Ministeru tal-Finanzi a fol 195-196 u Dok S2 a fol 197 ricevuta tal-ahhar pagament ta' Lm12 000, ittra li tikkontjeni ir-rinunzja ghal-azzjoni civili u dikjarazzjoni li "The Department's representative will at the next sitting inform the criminal Court that the Department has no further interest in the case."

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda fuq elenkata jirrizulta illi l-imputati gew, hazin jew tajjeb, processati dwar nuqqas ta' hlas ta' VAT ghal perjodu ta' sentejn qabel id-data tat-28 ta' Novembru 1996. Minn dan jsegwi illi kriminalment, l-imputati ma jistghux jigi indizzjati ghal-arretrati f'pagamenti ta' Taxxa Mizjud sa din id-data fuq il-principju kardinali ta' ne bis in idem.

Illi ghalhekk jibqa l-kwistjoni dwar zewg returns jew denunzji u cioe dawk tal-:
1 ta' Dicembru 1996 sat-28 ta' Frar 1997 – Total Lm85.00
1 ta' Marzu 1997 sal-31 ta' Marzu 1997 – Total Lm930.00
(ara dok PS a fol 176).

Dawn l-ammonti (kif wkoll ammont iehor denunzjat ta' Lm1512.52 ara fol 176).r-rappresentanti tal-VAT Department jsostni bil-qawwa li ghadhom ma thallsux mill-imputati.

Illi kontestwalment ma dan l-istat ta' fatt, il-Qorti tinsab rinfaccjata bi stat ta' fatt iehor emanenti mill-istess dipartiment fejn b'ittra datata 25 t'Awissu 1997 id-dipartiment jghid illi l-VAT arrears gew konstatati f'ammont ta' Lm33,573.65, jikkonstata pagamenti li saru u jheggeg lill-imputati jhallsu l-ahhar ammont ta' Lm12 000 – waqt li fil-15 t'Ottubru 1997 b'acknowledgment ta' pagament ta' Lm12000, id-dipartiment jghid li ser jcedi l-kawzi civili u jinforma l-Qorti fil-kawza kriminali li id-dipartiment m'ghandux aktar interess f'dik il-kawza – liema kawza hija din odjerna.

Illi in vista tax-xhieda konflingenti da parti tad-dipartiment din il-Qorti ma tistax jkollha dak il-konvinciment legali al di la minn dubbju dettat mir-raguni, li l-ammont pretiz mid-dipartiment huwa dovut. Hawnhekk non si tratta ta' ufficjal li ha il-pedana tax-xhieda u qal li d-dipartiment ghamel zball fil-komputazzjoni. Hawn si tratta ta' zewg fatti emanenti mid-dipartiment li jikkancellaw wiehed lill-iehor.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr li ssib lill-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------